

Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7870/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0144(COD)

CODEC 786
COPEN 130
EJUSTICE 47
JURINFO 8
DAPIX 119
CATS 47

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fid-29 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 82(1)(d) TFUE²³⁴.

¹ 10940/17.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁴ F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2017⁵.
3. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁶.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif imniżżla fid-dokument PE-CONS 88/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ ĠU C 55, 14.2.2018, p. 4.

⁶ 6935/19.